MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 901/1989/1

**Charles Delia**

**v.**

**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:-
"Peress illi l-konvenut aggreddixxa u hebb ghall-attur fis-6 ta' Mejju, 1989 u sparalu tiri ta' *shot gun* u ferieh gravament;

"Peress illi l-konvenut qabad u aggredixxa lill-attur abbuzivament minghajr ebda raguni valida ta' xejn u bl-agir tieghu kkawzalu danni konsiderevoli u ta' natura anke permanenti;

"Peress illi l-attur nterpella lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni izda nutilment;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur stante l-incident tas-6 ta' Mejju, 1989 fejn il-konvenut spara ghall-attur, gara tort unikament tal-konvenut.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

"3. Tikkundanna l-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan peress illi l-fatti minnu allegati huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civli fit-28 ta' Jannar 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

"Tiddikjara li l-incident tas-6 ta' Mejju, 1989 fejn il-konvenut spara ghall-attur, gara tort kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenut bin-nofs;

"Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm3,948.62;

"Tikkundanna l-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata;

"Spejjez bin-nofs;

"Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"RELAZZJONI PERIT LEGALI**

"Il-perit legali pprezenta r-rapport tieghu li jinsab a fol 185 et seq tal-process.

"Fil-para 4 sa 14 il-perit legali elenka l-iter li hadet dina l-kawza minn 1989 sad-data tal-prezentata tar-rapport. Fil-paragrafi minn 15 sa 23 il-perit jaghmel referenza ghar-rizultanti mill-process civili u dak kriminali. Fil-paragrafi 24-30 hemm il-konkluzzjonijiet tal-perit dwar ir-responsabilita`, u fil-para 31 sa 49 jaghmel il-likwidazzjoni tad-danni.

"Dwar responsabilita` l-perit spjega li mill-provi jirrizulta **b'mod l-aktar konvincenti** li l-konvenut hu responsabbili ghall-incident li fih l-attur sofra feriti fuq il-persuna, peress li kien il-konvenut li spara ripettutament fuq l-attur u laqtu f'diversi partijiet ta' gismu. Madankollu jirrizulta wkoll **element qawwi ta' provokazzjoni** da parti ta' l-attur. Kien hemm provokazzjoni ta' zewg kwalitajiet kemm fuq medda twila ta' zmien qabel l-incident kif ukoll immedjatament qabel ma sehh l-incident. A bazi tax xhieda u cirkostanzi ohra li jirrizultaw mill-provi migbura l-perit ikkonkluda li l-incident mertu ta' dina l-kawza gie

**provokat** mill-attur li effettivament wassal lill-konvenut sabiex jirreaggixxi b'mod vjolenti.

"Ghall din ir-raguni l-perit ikkonkluda li kull wiehed mill-kontendenti irid igorr parti mir-responsabilita ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali. L-attur minhabba li kien hu li b'ghemilu effettivament ta lok biex jinqala l-incident, apparti l-fatt li kien ilu jipprovoka lill-konvenut ghal zmien twil; u l-konvenut minhabba li r-reazzjoni tieghu ghall-kliem ta' l-attur kienet wahda vjolenti li kkawzat feriti fuq il-persuna ta' l-attur u hsara fil-proprjeta tieghu. Ir-responsabilita bejn il-partijiet giet ripartita mill-perit fil-proporzjon ta' 50% lill-attur u 50% lill-konvenut.

**"Danni**

"Kwantu ghad-danni l-perit ghamel referenza ghad-dok JF (fol 104) prospett u komputazzjoni ta' danni li qed jippretendi l-attur. Bhala damnum emergens il-perit qal li l-attur ghandu jiehu l-ammonti ta' Lm666.57 (item 2) u Lm70 (item 3) izda mhux item (4). (ara fol 107) Bhala lucrum cessans l-attur ghandu jiehu l-ammont ta' Lm410.67 izda mhux l-ammont mitlub ta' Lm197.08 ghar-raguni imsemmija fil para 36 - 37. Bhala telf ta' qligh futur il-perit ghamel il-kakoli indikati fil-para 38 sa 48 u qali li l-ammont li ghandu jiehu l-attur huwa ta' Lm3,362.04

**"NOTA TA' KRITIKA TA' L-ATTUR**

**"Responsabilita`**

"L-attur ma qabilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita. Hu qal li anke jekk wiehed kellu jammetti li mill-provi tirrizulta provokazzjoni da parti tieghu, l-kronologija ta' l-incident li wassal halli l-attur jigi ferut gravement, turi li l-konvenut kellu zmien bizzejjed halli jahseb dwar ghemilu u mhux jibqa ghaddej jispara fuq l-attur. Anke mill-fatt li l-incident jista' jinqasam fi tliet stadji juri li l-konvenut kellu hin bizzejjed halli persuna ordinarja u normali tikkalma u tevalwa dak li hija kienet qeghdha taghmel. Dan il-konvenut naqas milli jaghmlu ghaliex huwa ried vendetta. Ghalhekk l-attur jikkontendi li

ma kien hemm ebda kontributorjeta da parti tieghu ghaliex mill-agir tal-konvenut ma kienx ta' persuna li giet provokata bil-qawwa izda ta' persuna li riedet vendetta mil-attur.

**"Danni**

"Dwar id-danni l-attur qal li huwa ma jaqbilx mal-komputazzjoni li ghamel il-perit u mhux qed jaqbel mieghu limitatament fuq zewg punti. Fl-ewwel lok dwar kif hadem il-multiplier cjoe tah 25 years u mhux 30 years, u fit-tieni lok dwar il-lump sum reduction fejn il-perit accorda biss 15% minn 20%.

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

"Il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u tasal biex taqbel mal-perit li l-incident mertu tal-kawza gie provokat mill-attur u li mbaghad il-konvenut irreagixxa bil-mod kif irreagixxa. Fil-para 29 tar-relazzjoni tieghu l-perit jippuntwallizza li kienet il-provokazzjoni ta' l-attur li holqot l-incident. Il-Perit isemmi wkoll l-incidenti precedenti imma ighid "apparti l-fatt li (l-attur) kien ilu jipprovoka lill-konvenut zmien twil" (fol 206), izda dak innhar kienet il-provokazzjoni ta' l-attur li kkawzat l-incident. Kien l-attur stess li dakinhar ta' l-incident fil-hanut l-ewwel ghadda kummenti xejn kumplimentuzi fil-konfront tal-konvenut u l-konvenut ma wiegibx u telaq il-barra ma Mario Diacono u wara l-attur mar ifittxu u ta' bidu ghall-incident billi waqaf bil-karozza tieghu hdejn dik tal- konvenut u b'diskorsu rega pprovokah u tah bidu ghat-tilwima fit-triq ta' l-Isla. Din it-tilwima kompliet meta l-istess attur, kif wasal hdejn l-ghassa, rega pprovoka lill-konvenut u qallu: "Mela int bir-revolver taghmel l-arja" (xhieda ta' Mario Diacono). (para 26).

"Mis-sentenza tal-guri li wehel il-konvenut irrizulta li kien hemm element qawwi ta' provokazzjoni u l-konvenut wehel sentenza sospiza fuq ferita gravi. Il-konvenut kien ilu jigma go fih provokazzjonijiet da parti ta' l-attur (ara d-diversi rapporti li ghamel –ara fol 402; 407; fol 94-96 – imbaghad dak in nhar ta' l-incident l-attur rega pprovakah

diversi drabi u stiednu ghall glied u fl-ahhar il-konvenut infaqa u intilef. Tant intilef li anke fl-ghassa ta’ Pulizija baqa' vjolenti. F’dan il-kaz il-provokazzjoni ma gietx provokata mill-konvenut stess imma mill-istess attur. **(Ara sentenza Gauci vs Gauci 30/11/1956 Vol XL p 1 p 376).**

"Il-Qorti ghalhekk taqbel li f’dan il-kaz kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu responsabbili ghar-ragunijiet fuq indikati cjoe l-attur talli pprovoka l-incident u l-konvenut talli rreagixxi bil-mod vjolenti. Il-konvenut ghandu igawdi min riduzzjoni tad-danni minhabba dina l-provokazzjoni. In tema ta’ htija kontributorja, il-principju akkolt fil-gurisprudenza hu illi fejn din il-htija ma tistax tigi diviza b’certezza allura din l-istess htija tigi ugwalment apporzjonata (**Kollez. Vol. XLVIII pI p59**).

**"Danni**

"Kwantu ghad-danni Il-Perit fil para 39 qal li huwa xieraq li jittiehed multiplier ta’ 25 sena u dana fuq skorta ta’ diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna. L-attur ghamel riferenza ghal diversi sentenza (ara fol 471/472) fejn il-Qrati ikkalkulaw bhala *multiplier* is-snin rimanenti sa meta l-vittima taghlaq il 61 sena. Fil-fatt hemm ukoll sentenzi fejn il-Qorti ma haditx multiplier li kien ikopri s-snin kollha sakemm wiehed jiehu l-pensjoni ghar-raguni li f’materja ta’ lucrum cessans il-Qorti trid tipprocedi b’certa kawtela peress illi l-qliegh hu haga ta’ possibilita` u mhux ta’ certezza u jridu jigu valutati certi cirkostanzi bhac chances u l-changes tal-hajja. (ara M.Bugeja vs Agius App Kum 14.6.96; Caruana vs Gatt PA 23.2.1996; Cassar vs Buhagiar PA 1.3.92; Borg vs Polidano PA 2.10.2002 u Busutill vs Meilak PA 9.12.2002).

"F’dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li *multiplier* ta’ 25 sena hija figura ekwa.

"Kwantu ghall lump sum payment reduction, il-Perit deherlu li kien xieraq li jintnaqqas biss 15% ( u mhux 20%) billi jirrizulta li inhela hafna zmien bi htija taz-zewg partijiet, li l-attur kien ghadu ghaddej bil-provi tieghu sat 2000 meta pprezenta d-dok JF li huwa r-rendikont tad-

danni li kien qed jippretendi. L-attur ma qabilx ma dan ir-ragunament u qal li hu ma kienx jahti ghal dewmien u semma bhala ragunijiet, it-tibdil tal-periti legali u id-diversi ordnijiet tal-Qorti billi ma kienux qed jinzammu seduti; kemm dam isir il-kontroezami ta’ l-attur u kemm ha seduti l-konvenut.

"Fil-kaz in ezami l-perit legali jghid li rrizulta li inhela hafna zmien bi htija taz-zewg partijiet ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li ghandu jitnaqqas 10% u mhux 15%.

**"KALKOLU**

"Ghalhekk id-danni sofferti mill-attur huma s-segwenti:

**"Damnum Emergens**

| | | |
|---|---|---|
| "Inkarigu burdnar | Lm 666.57 | |
| "Hsara fil-karozza | | Lm 70.00 |
| **"Total** | | **Lm 736.57** |

**"Lucrum Cessans**

| | |
|---|---|
| "Telf ta’ qliegh (xaghrejn) | Lm 410.67 |
| "Telf ta’ qliegh futur | |
| "(Lm6,000 x 25 x 5% less 10%) | Lm6,750.00 |
| **"Total** | **Lm7,160.67** |

**"Riepilogu**

| | |
|---|---|
| "Damnum Emergens | Lm 736.57 |
| "Lucrum Cessans | Lm7,160.67 |
| "Total | Lm7,897.24 |

"Peress illi r-responsabilita` hi ripartita 50:50 il-konvenut ghandu jaghti nofs biss lill attur cjoe` Lm3,948.62."

Rat ir-rikors ta' appell interpost mill-konvenut li, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi din il-Qorti:
"joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti li permezz taghha sabet lill-appellat

responsabbli ta' l-incident mertu ta' dan l-appell filwaqt li tilqa' l-aggravju ta' l-esponent appellant billi tiddeciedi illi l-incident sehh unikament minhabba provokazzjoni kawzata mill-appellat u konsegwentement tichad it-tieni u tielet talba ta' l-attur appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2007;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' din il-kawza huma ben cari. Fis-6 ta' Mejju 1989, l-attur safa' aggredit mill-konvenut meta dan sparalu tiri ta' *shotgun*, laqtu f'diversi partijiet ta' gismu u ferieh gravement. Il-konvenut isostni li gara dak li gara peress li kien ilu zmien twil jissokkombi ghat-tghajjir u insolenzi da parti ta' l-attur, sakemm fl-ahhar, rizultat ta' din il-provokazzjoni fuq "zmien twil", infaqa' u ntilef.

L-ewwel Qorti rrikonoxxiet l-effett tal-provokazzjoni fuq il-konvenut, u minhabba f'hekk sabitu responsabbli fi grad ta' nofs ghad-danni li sofra l-attur. Il-konvenut appella peress li jhoss li l-provokazzjoni tant kienet qawwija f'dan il-kaz, li hu ghandu jigi liberat minn kull grad ta' responsabbilita`.

Din il-Qorti tirrimarka mill-ewwel li qawwija kemm hi qawwija l-provokazzjoni, hadd m'ghandu jirreagixxi bil-mod li rreagixxa l-konvenut. Li tispara fuq persuna ohra ma jista' <u>qatt</u> ikun gustifikat hlief fl-estremi tal-legittima difiza. Min ikun qed jigi provokat ghandu jirreagixxi bil-mezzi varji li tipprovdi l-ligi, u m'ghandu qatt jiehu l-ligi b'idejh u jispara lill-allegat provokatur. Il-provokazzjoni ma hi qatt gustifikazzjoni ghal agir illegali u kriminali.

Hu veru li hemm gurisprudenza li tghid li "d-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur" (ara Kollez. Vol. XXXVI.II.467; LXVIII.1.179), pero`, dan meta d-danni jkunu rizultat ta' glieda li nqalghet u spiccat

f'mument wiehed, u meta r-reazzjoni ta' dak li jkun tkun wahda instantanea u proporzjonata, u mhux meta, bhal f'dan il-kaz, l-aggressur kellu zmien bizzejjed jahseb fuq dak li kien qed jigri, b'mod li r-reazzjoni titqies aktar li ghandha min-natura ta' vendetta. Barra minn dan, ir-reazzjoni tal-konvenut f'dan il-kaz kienet wahda esagerata ghall-ahhar. Fil-kawza riportata fil-Vol. XXXVI.II.467 (**Debono v. Buttigieg**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 1952), kull ma ghamel min kien provokat ghall-glied, kien li "imbuttah u waqa'". Hemm differenza kbira bejn din ir-reazzjoni mmedjata, u li zzomm go fik sa ma tasal biex tispara lill-provokatur b'*shotgun*!

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu regolati skond is-sentenza appellata; l-ispejjez ta' l-appell ghandu jhallashom il-konvenut appellant u billi wkoll hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-appell huwa fieragh u vessatorju fit-termini ta' l-Art. 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------